**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors numru : 88/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (13/04/2002) skont certifikat taz-zwieg numru tnejn tlieta tnejn tas-sena elfejn u tnejn (232/2002) (Dok. A).

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia datat l-ewwel ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (1/3/2006) (Dok. B)

4. Illi l-partijiet ghexu kull parti ghal rasha minn dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.

6. Illi ma hemm l-ebda lok ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.

7. Illi ghalhekk il-partijiet ssodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li tirrikjedi l-ligi sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju u cioe skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fit-tlettax ta' April tas-sena elfejn u tnejn (13/4/2002) ;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu eccepixxa :

1. Illi huwa qieghed permezz tal-prezenti jiddikjara illi mhuwiex jopponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-Partijiet;
2. Illi huwa qieghed jaqbel ili jikkonkorru il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi ciononostante l-esponent ma ghandux ibaghti l-ispejjez in konnessjoni ma dawn il-proceduri, li ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenta martu;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Marzu 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.